**Is-Sittax-il laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni t' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar L-Erbgħa 13 ta' Awwissu 2014 fis-7:30 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Dr. Josianne Cutajar, Kunsillier
Danica Ann Cassar,
Ambaxxatur taż-żgħażagħ
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Andrew Muscat
Peter Muscat
Josef Camilleri
James Buttigieg

*Dr. Rita Mifsud, Eucharist Camilleri u Maria Natoli kienu skużati.*

---

1. Il-laqgħa bdiet b'talba.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-ħmistax-il laqgħa ġew approvati u ffirmati.

3. **Imnarja 2014.** Din is-sena , il-Festa inġenerali kienet waħda tajba u li tixraq lir-raħal. L-attivitajiet organizzati mill-Kunsill kienu kollha ta' suċċess. Inġibdet l-attenzjoni dwar xi daqq minn każini li setgħa tellef waqt il-marċijiet mill-baned mistiedna.

   *Wirja ta' Arti.* Il-Wirja ta' Arti Sagra li saret fis-Sala Joe Tabone bl-isem "Teżori ta' Fidi" kienet ta' livell għoli ħafna u ngħatat *coverage* fuq il-programm "Għawdex Illum" fuq TVM. Din kienet miftuħa għall-pubbliku matul il-15 il-ġurnata tal-festa, kemm matul il-jum u anke filgħaxijiet.

   *Attivita tat-Tfal.* L-attivita tat-tfal kienet l-aqwa waħda minn kemm ilu li nbidel il-format tagħha , fl-aħħar tlett snin. Il-Kunsill kellu jestendi l-ħin tal-attivita', minħabba in-numru kbir ta' tfal li attendew. Din is-sena sar

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

ukoll spettaklu ta' talent fl-istess attivita'. Peress li ma kienx hemm konkurrenza biżżejjed mit-tfal tan-Nadur għat "Talent Show", il-Kunsill inkariga lis-Sinjura Annette Portelli Said biex ittella' programm. Dan kien tajjeb ħafna. Dr. Josianne Cutajar issuġġeriet li l-Kunsill iżomm lista ta' tfal/zgħazagħ li jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet għal attivitajiet fil-futur. Is-Sindku qal li din diġa teżisti u l-Kunsill ftit ilu kien għamel sejħa biex dawk interessati jinkitbu l-Kunsill.

*Attivita għaż-Żgħażagħ.* L-attivita taż-Żgħażagħ ma kienitx tal-istess livell bħall-attivitajiet l-oħrajn. Din l-attivita' għandha tinvolvi aktar żgħażagħ u mhux dawk li huma attivi fiċ-Ċentru Parrokkjali biss. F'jum iż-Żgħazagħ, għandha tiġi organizzata attivita li tilhaq l-aktar numru possibli ta' żgħazagħ . Il-Kunsill kien stieden lil Gianluca Bezzina biex jieħu sehem fl-Ikla Tradizzjonali tal-Imnarja u dan ma ġiex iżda hu attenda għall-attivita' taż-żgħażagħ. Għandu jkun hemm kooperazzjoni meta jsiru l-attivitajiet sabiex ma jkunx hemm konflitti u repetizzjonijiet.

*Wirja Agrarja u ta' Artigjanat.* L-armar tal-wirja beda mill-Erbgħa ta' qabel l-attivita u b'hekk is-Sibt kien kollox lest sal-11 ta' filgħodu. Kien hemm aktar stands mis-soltu esebiti ta' frott, ħxejjex u oħrajn. Fil-Wirja tas-sena, kien hemm ħafna innovazzjonijiet li ġew milqugħa tajjeb ferm minn kull min żar il-Wirja. Is-Sindku rringrazzja lill-voluntiera kollha u membri tas-Sotto Kumitat li għenu f'din l-attivita. Grazzi speċjali imur għal Josef Camilleri li ma tħallasx tax-xogħol tiegħu. Għall-ewwel darba, is-Sibt tal-Wirja, inġabet minn Malta, it-Terramaxka.

*Kunċerti.* Il-Kunsill organizza kunċert mill-Puse' nhar it-Tnejn 23 ta' Gunju fil-Pjazza. Dan kien Kunċert li ġie organizzat għall-ewwel darba. Kien hemm kummenti sbieħ dwaru. Il-Kunċert tal-Banda Mnarja kien ta' livell għoli u kien hemm konkorrenza tajba għalih.

*Ikla Tradizzjonali.* Din l-attivita' kienet tajba iżda l-mistieden speċjali Gianluca Bezzina ma attendiex għalkemm kien qal lis-Sindku li ser jattendi. Il-preżentaturi tal-Attivita , il-Greenfields, għamlu biċċa xogħol

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

tajba ferm. Reġħu għal darb' oħra intlaqgħu tajjeb, il-karozzini, li kienu disponibbli għal dawk kollha li xtaqu jagħmlu dawra bihom mat-toroq.

*Tiġrija taż-żwiemel.* Din l-attivita saret lejliet il-festa fi Triq ta' Xħajma fis sagħtejn ta'nofs in-nhar. Dan il-ħin jidher li hu tajjeb għal din l-attivita.

*Xalata ta' wara l-Festa.* Jidher li hemm fejn din l-attivita tista titjieb u tkompli tikber. Huwa possibli żgur li għall Bar-b-que, li jsir bħala parti mix-Xalata, jkun hemm aktar nies.

**4. Wine Festival 2014.** L-organizzazzjoni tat 12 il-edizzjoni tal-Wine Festival huwa kważi lest. Ser jinfethu l-kwotazzjonijiet relatati ma din l-attivita'. Il-Bands li ser jieħdu sehem huma kollha Għawdxin. Għall kull serata, ser ikun hemm mistiedna mill-inqas żewġ bands lokali, apparti kant u zfin minn artisti u gruppi oħra.

**5. Kwotazzjoni 11/2014** – PA System For Nadur Wine Festival 2014
Kien hemm tlett offerti. Peress li l-attivita ser issir fi żmien qasir, ġiet magħżula f'dan il-ħin. Intgħażlet l-orħos kwotazzjoni bil-prezz ta' €1,500 wara li ġiet ikkonfermata mal-kuntrattur permezz tat-telephone li dan ser ikollu kollox meħtieġ għall-bands kollha li ser jieħdu sehem.

Il-prezzijiet kienu:

| | |
|---|---|
| Power Sound | €2950 |
| Pro Stage Sound | Option A €1,500 Option B 2,400 |
| AV Warehouse | €1692.12 |

Kwotazzjoni 12/2014 Light System for Nadur Wine Festival 2014

Kien hemm offerta waħda biss mixhuta. Din kienet ta' Sourcelite bil-prezz ta' €2395.00 Din ġiet aċċettata.

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

6. **End of Summer Open Market.** Ser isir Open Market nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru fi Pjazza San Pietru u San Pawl bħas-sena preċedenti. L-Għaqdiet kollha tar-raħal ser jingħataw l-opportunita li jarmaw stand .

7. **Jum il-Kunsill.** Il-Kunsill beda il-preparamenti inkonnessjoni mal-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill 2014. L-għoti tal-Premju Ġieħ in-Nadur ser jingħata waqt il-Kunċert tal-Banda nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2014. Il-Blood Donation ser isir nhar il-Hadd 9 ta' Novembru (Jum San Koronato). Il-quddiesa ta' Radd il-Ħajr ser issir nhar il-Ħadd 16 ta' Novembru fid-9:30 ta' filgħodu.
Il-Kunsill taż-żgħażagħ għandhom jiġu avviċinati u mħajjra jorganizzaw attivita bħala parti minn Jum il-Kunsill.
Gie ssuġġerit li t-tfal ta' l-Iskola Primarja jiġu mħejjija biex jieħdu sehem f'xi attivita għalihom biex jiġu aktar konxji mill-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:15 p.m.

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv